BIRKIRKARA

Minuti tat-Tmien laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru 2009 mis-6.05 pm sat- 7.47 pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emmanuel Aquilina |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras |
| | |
| | Is-Sur John Borg- Assenti imma Skuzat |
| | Is-Sur Mark George Abdilla – Assenti imma Skuzat |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, Emanuel Aquilina, Joanne Borg, Rita Borg, Dr. George Debattista, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt u Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. Il-Kunsilliera s-Sinjuri John Borg u Mark George Abdilla kienu assenti, imma skuzati. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku. Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 7**

Il-Minuti tas-Seba' laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati, bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li saret korrezzjoni f'item 7 (taht BLC 17/2009) fl-isem tal-kuntrattur u dan fuq talba s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg talbet zieda *f'item 6* u korrezzjoni f'*item 7*, il-Kunsillier Dr. George Debattista talab bdil f'sentenza f'*item 4*, il-Kunsilliera s-Sinjuri Jimmy Calleja talabli tizdied *item 9.6,* u l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg talab li jitnizzel kumment li kien ghamel hu qabel beda jigi diskuss *item 7* fil-laqgha ta' l-10 ta' Novevembru 2009. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Joanne Borg, Dr. Josianne Cardona Gatt , Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

BIRKIRKARA

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 7**

3.1 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris acceniet ghal *item 4* punt numru 3 fejn staqsiet il-Ministeru kienx baghat il-ftehim. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li sal-lum (sa l-24 ta' Novembru 2009) il-kunsill kien ghadu ma rcieva xejn. Is-Sindku qal li kien baghat *reminder* lil Ministeru.

3.2 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris acceniet ghal item 7 fejn hemm l-ispjega dwar tender BLC 7/2009. Hi staqsiet dwar jekk kienx hemm zviluppi rigward l-ittra tal-Perit Kevin Bencini. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill ma kienx ser jidhol fil-kwistjoni msemmija mill-Perit K. Bencini.

3.3 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris acceniet ghal *item* 5 f'pagna 7. Hi staqsiet hekk kienx ser isir bdil fis-sistema tad-dawl biex jitwahhlu *sub meters*.Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal ma li kien ser jinbidel xejn mis-sistema tad-dawl, hlief li kull dipartiment kien ser ikollu *sub meter* ghalih.

**4 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u pagamenti numru 7**

Il-lista tax-xiri u l-pagamenti numru 7 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saret diskussjoni fejn l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 17, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accena ghall-*item* 55. Wara l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 7 ġiet approvata bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Joanne Borg, Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**5 Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti**

Il-lista tal-Flus Kontanti tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista tal-perjodu mis-7/8/2009 sat-2/10/2009 giet approvata bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, il-Kunsillieri s-Sinjuri:- Emmanuel Aquilina, Joanne Borg, Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**6 Korrispondenza**

6.1 Ittra bid-data tal-11 ta' Novembru 2009 minghand id-Direttur tal-*Peak Insurance Brokers*, is-Sur Joe Cremona. Dwar din l-ittra ma saret 'l ebda diskussjoni.

6.2 Email bir-riferenza LCD 214/94/II/29 u bid-data tas-16/11/2009 minghand Ms Gemma Debono f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill. Hawnhekk il-Kunsillier Dr George Debattista ghamel riferenza ghal-laqgha li l-Kunsilliera kellem ma' l-Awditur tal-Gvern gewwa l-ufficcju tal-Kunsill. Hu qal li laqgha kienet wahda pozittiva.

6.3 EMail bid-data tas-17 ta' Novembru 2009 minghand Ms Gemma Debono f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Din l-email kienet bhala risposta ghall-email li kien baghtilha is-Segretarju Ezekuttiv nhar is-17 ta' Novenbru 2009 u ghall-email ohra li kien baghat is-Segretarju Ezekuttiv lid-Direttur ghall-Gvern Lokali nhar id-9 ta' Novembru 2009 dwar l-attivitajiet li jsiru inkolloborazzjoni ma' ghaqdiet tal-lokal.

6.4 Kopja ta' E.Mail bid-data tal-21 ta' Novembru 2009 li baghat is-Segretarju Ezekuttiv lid-Direttur ghall-Gvern Lokali, kif ukoll lill-Onorevoli Dr Chris Said. Din l-email tittratta dwar il-kotba li jaghti kull sena l-Kunsill lid-diversi skejjel ghall-Jum il-Premjazzjoni. Dwar din l-email il-Kunsill ghadu qed jistenna risposta.

6.5 Ittra bid-data tas-17 ta' Novembru 2009 minghand il-Perit Joe Bugeja dwar *Contract Management /Tender – Bid-Bond Withdrawal.* Saret diskussjoni qasira mill-membri prezenti fuq il-kontenut ta' l-ittra fejn waqt id-diskussjoni il-laqgha tal-kunsill kellha tigi sospiza darbtejn, ghal ftit tal-minuti Infatti il-laqgha giet sospiza fis-6.50pm u tkompliet fis-6.53 pm u regghet giet sospiza fis-6.54pm u fis7.05pm. Fiz-zewg okkazzjonijiet il-laqgha giet sospiza fuq suggeriment tal-Kunsilliera s-Sinjura Joan Borg li kienet sekondata mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.biex il-membri prezenti jikkuminikaw ma rapprezentant tal-Perit, li kien prezenti fost il-pubbliku, biex hu jispjega xi punti mqajjma fl-ittra.

Meta tkompliet il-laqgha is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li hu ma jafx fejn ghandu jidhol il-Kunsill fil-problema li semma' l-Perit fl-ittra tieghu.

6.6 Kopja ta' E.Mail bid-data tat-18 ta' Novembru 2009 li baghat is-Segretarju Ezekuttiv lid-Direttur ghall-Gvern dwar *'mementos'*. Ma' din l-email hemm ukoll ir-risposta tad-Direttru ghall-Gvern Lokali.

**7 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

7.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Rose Frendo staqsiet meta kien sejjer isir id-dawl ma' l-istatwa tal-Madonna li hemm fi Triq Nazju Falzon?.Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-bozza inkwistjoni ma kinitx giet approvata mill-Enemalta, biss hu kien qal lill-kuntrattur taghna biex jara x'jista' jsir.

7.2 Il-Kunsillier Dr George Debattista staqsa meta kien ser jitkompla x-xoghol fi Sqaq V. Cassar u fi Triq l-Imriehel? Is-Sindku qal li ser jerga' jkellem lill-Kuntrattur.

7.3 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa dwar ix-xoghol ta' *patching* li qed isir gewwa Triq K. Zerafa. Is-Sindku qal li x-xoghol ser jitkompla wara li WSC tissuplixxi lill-kuntrattur bil-pajpijiet tal-*main* ta' l-ilma. Dan minhabba li waqt ix-xoghlijiet irrizulta illi l-*main* ta' l-ilma f'dik it-triq kien fi stat hazin.

7.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Chirelle Sciberras ghamlet riferenza ghall-periklu li jezisti konsegwenza taz-*Zebra Cross* li hemm fin-nizla ta' kif iddur lejn l-isptar Mater Dei minn hdejn il-Klikk. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dwar din il-haga l-Kunsill kien kiteb lill-ADT.

7.5 Il-Kunsilliera is-Sinjura Joan Borg uriet petizzjoni li kienu tawha residenti li joqghodu fi Sqaq Has-Sajjied, u dan biex tinqala' l-*bollard* li twahhlet fl-isqaq ta' fejn joqghodu huma. Hawnhekk saret diskussjoni qasir fejn il-Kunsillier Dr. George Debattista qal li f'kazi bhal dawn il-Kunsill ghandu jghallem lin-nies u fl-istess hin naghtu raguni ghalxiex l-isqaq ikun qed jinghalaq ghal vetturi. Waqt id-diskussjoni s-Sindku rrakomanda wkoll li fl-isqaqien ghandna naghmlu bollards awtomatici. Wara diskussjoni gie deciz li s-Sindku u l-Kunsilliera Joan Borg jibghatu ghar-residenti li ffirmaw il-petizzjoni halli jkellmuhom u jaraw ezattament huma xi jridu.

7.6 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joan Borg staqsiet dwar il-korsijiet ta' l-ECDL . Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-applikanti kollha li kienu applikaw ghall-korsijiet ta' l-ECDL b'xejn kienu kollha intghazlu u nghataw il-kors b'xejn. Ghal dawk li qed isiru bhalissa mit-TCTC wiehed irid ihallas 50 ewro.

7.7 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joan Borg staqsiet meta kien ser jibda x-xoghol fi Sqaq Rigu? Is-Sindku qal li dan ix-

BIRKIRKARA

xoghol kien ser jaghmlu Polidano biss irrizulta li kien skadielu l-permess ta' l-ADT u ghalhekk ser ikollu jerga' japplika. Hawnhekk is-Sindku ssuggerixxa li peress li x-xoghol hu urgenti l-Kunsill ghandu jiehu vot biex iqabbad kuntrattur iehor biex jaghmel dan ix-xoghol. Is-Sindku qal li dan ix-xoghol mistenni jiswa € 11,000. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone qal li l-Kunsill ma jistax jaghti *direct order* ta' € 11,000. Ir-regolamenti jghidu illi *direct order* tinghata jekk l-ispiza tkun sa € 1165. Spiza li tkun bejn € 1165 sa' € 4660 il-Kunsill irid jaghmel sejha ghall-kwotazzjonijiet. Spiza fuq € 4660 il-Kunsill irid johroq sejha ghall-offerti. Saret diskussjoni qasira fejn il-membri prezenti qablu illi x-xoghol ghandu jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill meta jerga' johrog il-permess.

7.8 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa mit-*traffic managment plain* li l-Kunsill ressaq quddiem l-ADT ? Is-Sindku wiegeb li bhalissa fl-ADT qed issir riforma shiha. Hu qal li fil-gimghat li gejjien nergghu nibghatu *reminder* dwar din il-haga.

7.9 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li fi Triq San Giljan hdejn il-Villa tan-Nutar Gatt qed izomm hafna ilma. Hu staqsa meta kien ser isir il-kalvert ta' l-ima ? Is-Sindku wiegeb illi l-problema hi li triq imsemmija ma tistax tinghalaq minhabba li minn hemm tghaddi l-ambulanza. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn il-Kunsillier Dr. George Debattista fakkar li l-Kunsill m'ghandux jidhol ghal Progetti Kapitali godda u dan dejjem jemma ma jingibux fondi *extra* ghalihom.

7.10 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li rigward is-Salib Rajt ma Rajtx, hu kien tkellem mas-Sindku ta' San Gwann fejn dan kien qallu li dan is-Salib jaqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Is-Sindku qal li skond il-mappa li hemm fil-ligi dan is-salib jaqa fil-konfini ta' San Gwann. Dwar il-fanal li jrid isir mas-salib, is-Sindku qal li hu kien kellem lill-kuntrattur taghna biex naraw il-possibilta' li dan isir bis-*solar*.

7.11 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa meta kien ser jitwahhal ir-ritratt tal-Kunsilliera tas-sitt Kunsill, kif ukoll meta kienu ser jinghataw kopja tal-minuti kollha tal-hames Kunsill ? Dwar ir-ritratt is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu r-ritratti kollha tal-kunsilliera precidenti ghandhom jitnehhew mill-*frames* u jsiru kif saru tas-Sindki. Dwar il-minuti s-Sindku qal li fl-ewwel cans li jkollna l-amministrazzjoni kienet ser tiehu hsieb li taghmel kopja lil kulhadd.

7.12 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa meta kienu ser isiru l-*Personal Cards* ghall-Kunsilliera ? Is-Sindku qal li fil-jiem li gejjien wahda mill-iskrivani ser titlob id-dettalji lil kull Kunsllier biex dawn isiru

## 8 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku is-Sur Michael Fenech Adami qal li b'sehh mill-1 ta' Ottubru 2009 qal li d-*disposal fee* ghar-rimi ta' skart imhallat fil-*landfill* ser tkun ta 20 ewro kull tunellata. Il-Kunsill Lokali ser jibda jhallas ghal din it-tariffa filwaqt li l-Gvern ser jibda jghaddi lill-Kunsill il-flus relatati ma' din in-nefqa. Infatti s-Sindku semma' li dan l-ahhar il-Kunsill ircieva fattura ta' 10,560.64 ewro biex ihallas lill Wasteserv filwaqt li l-Kunsill kien ircieva minghand il-Gvern is-somma ta' 36,200 ewro. Is-Sindku qal li matul Ottubru–Dicembru 2009 il-Kunsilli ser ikunu obbligati li jhallsu biss dak l-ammont li qed jinghatalhom mill-Gvern filwaqt li l-Kunsill ghandu javza lil *WasteServ* Malta Ltd kull meta fattura tkun aktar minn dak li ghalih ikunu gew allokati l-flus mill-Gvern u jhallsu sal-massimu tal-flus li qed jinghataw u mhux izjed.

Is-Sindku qal fl-ahhar jiem hu kellu tahdidiet mal-*WasteServ* fejn huma ssuggerew li l-Kunsill jiehu f'idejh il-*Bring-in-Sites* taghhom. Is-Sindku qal li din m'ghandiex tkun problema ghalina ghax ahna wara nghadduhom f'idejn il-Green MT biex jibdew ibattluhom huma. Hu qal li f'din l-inizjattiva l-Kunsill ikun f'pozizzjoni li

BIRKIRKARA

jdahhal izjed flus minghand il-Green MT fuq l-iskart isseparat.

Is-Sindku qal ukoll li l-WasteServ kienet qed tikkunsidra ukoll li tghaddi l-immanigjat ta l-Amenity Site f'idejn il-Kunsill. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa li l-Kunsill irid jara ezattament x'kienet ir-raguni li l-*WasteServ* kienet qeghdha tghaddi kollox f'idejn il-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jiehu l-*amenity site* f'idejn il-Kunsill ikun kapaci biex flimkien mal-Green MT indahhlu *income* kbir ghal Kunsill u dan minghajr ma l-Kunsill johrog flus.

Qabel ghalaq il-laqgha s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami semma illi fil-5 ta' Jannar 2010 waqt il-programm ta' xarabank ser jigi mhabbra r-rebbieha tal-prempju konness ma l-applikazzjoni li kien ghamel il-Kunsill bis-suggett "*Business Community interacting with Local Community*' u ghaldaqstant il-Kunsill kollu gie mistieden biex jattendi.

## 9 Eghluq

Ghall-habta tat-7.47pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgha li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2009.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv

Michael Fenech Adami
Sindku